Advt. No. FTS 04-08. Manufacture, supply and fixing of roller blinds at Patri Ġużé Delia Primary School, Siġġiewi.

A fee of €23.00 (Lm9.87) is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 15th February, 2008, for:-

Advt. No. FTS 03-08. Supply and installation of aluminium apertures at Dun Ġużepp Zammit Brighella Boys' Junior Lyceum, Ħamrun.

A fee of €23.00 (Lm9.87) is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS 05-08. Supply and delivery of classroom furniture at Dun Ġużepp Zammit Brighella Boys' Junior Lyceum, Ħamrun.

A fee of €23.00 (Lm9.87) is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 18th February, 2008, for:-

Advt. No. FTS 06-08. Supply and delivery of computer furniture for Dun Ġużepp Zammit Brighella Boys' Junior Lyceum, Ħamrun.

A fee of €23.00 (Lm9.87) is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-25 ta' Jannar, 2008

AWTORITÀ MALTIJA TAT-TURIŻMU

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-18 ta' Frar, 2008 fl-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MTA/716/2008. Disinn u kostruzzjoni ta' *stand* fl-IMEX in Frankfurt, il-Ġermanja għal perijodu ta' sena 2008.

Għandu jitħallas dritt ta' €58.23 (Lm25) għal kull kull kopja tad-dokument ta' l-offerta li jinġabru mill-uffiċċju tal-*Procurement*/Finanzi, it-Tieni Sular, Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1170.

Offerti għandhom jintefgħu fl-indirizz indikat hawn fuq. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq fil-*Boardroom* (fit-Tieni Sular), l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

L-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għandha d-dritt li tagħżel dik l-offerta li fil-fehma tagħha tirrappreżenta l-iżjed offerta vantaġġuża għall-bżonnijiet ta' l-Awtorità.

Il-25 ta' Jannar, 2008

AWTORITÀ MALTIJA TAT-TURIŻMU

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, il-11 ta' Frar, 2008 fl-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MTA/717/2008. Disinn u kostruzzjoni ta' *Stand* fil-MITT fir-Russja għal perjodu ta' sentejn 2008 - 2009.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

25th January, 2008

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than 10.00 a.m. of Monday, 18th February, 2008, for:-

Advt. No. MTA/716/2008. Design and construction of Stand at IMEX in Frankfurt, Germany for a one year period 2008.

A fee of €58.23 (Lm25) is to be paid upon collection of tender documents which may be collected from the Procurement/Finance Department, Second Floor, Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1170.

Tenders should be submitted to the above address. The tender documents will be opened before the general public immediately after the closing time in the Boardroom (Second Floor) Malta Tourism Authority.

The Malta Tourism Authority reserves the right to choose that offer which in its sole discretion represents the most advantageous tender for the needs of the Authority.

25th January, 2008

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than 10.00 a.m. on Monday 11th February, 2008, for:-

Advt. No. MTA/717/2008. Design and construction of Stand at MITT in Russia for a two year period 2008 - 2009.

Għandu jitħallas dritt ta' €58.23 (Lm25) għal kull dokument ta' l-offerta li jingħabar. Dokumenti ta' l-offerti jistgħu jingħabru mill-uffiċċju tal- *Procurement*/Finanzi, it-Tieni Sular, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1170.

Offerti għandhom jintefgħu fl-indirizz indikat hawn fuq mhux iktar tard mill-għaxra ta' filgħodu tat-Tnejn, il-11 ta' Frar, 2008. L-offerti jinfetħu fil-pubblikuminnufih wara l-ħin ta' l-għeluq fil-*Boardroom* (fit-Tieni Sular), l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

L-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għandha d-dritt li tagħżel dik l-offerta li fil-fehma tagħha tirrappreżenta l-iżjed offerta vantaġġuża għall-bżonnijiet ta' l-Awtorità.

Il-25 ta' Jannar, 2008

A fee of €58.23 (Lm25) is payable upon collection of each of the relevant tender documents. Tender documents may be collected from the Procurement/Finance Department, Second Floor, Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1170.

Tenders should be submitted to the above address. The tender documents will be opened before the general public immediately after the closing time in the Boardroom (Second Floor) Malta Tourism Authority.

The Malta Tourism Authority reserves the right to choose that offer which in its sole discretion represents the most advantageous tender for the needs of the Authority.

25th January, 2008

KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m it-Tnejn, l-11 ta' Frar, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 01/08. Kisi ta' toroq bl-asfalt sħun.

Għandu jitħallas dritt ta' €60.00 (Lm25.76) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 02/08. Kostruzzjoni ta'*skateboard park platform* kompluta bid-dawl, *fencing* u aċċessorji.

Għandu jitħallas dritt ta' €60.00 (Lm25.76) għal kull dokument ta' l-offerta.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 'Dar Birżebbuġa' Triq Santa Marija, Birżebbuġa, Tel: 21650165

Il-Kunsill għandu d-dritt li jirrifjuta l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-25 ta' Jannar, 2008

BIRŻEBBUĠA LOCAL COUNCIL

The Birżebbuġa Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 11.00 a.m. on Monday, 11th February, 2008, for:–

Advt. No. 01/08. Resurfacing of roads with hot asphalt.

A fee of €60.00 (Lm25.76) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 02/08. Construction of skateboard park platform c/w floodlights, fencing and accessories.

A fee of €60.00 (Lm25.76) is to be paid for each copy of tender document.

Further information can be obtained from the Local Council Office, 'Dar Birżebbuġa' St.Mary Street, Birżebbuġa, Tel: 21650165

The Council reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantegeous.

25th January, 2008

KUNSILL LOKALI FGURA

B'riferenza għall-offerta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,176 tat-22 ta' Jannar, 2008 f'paġna 335, ngħarrfu illi fil-verżjoni bil-Malti in-numru ta' l-offerta għal tindif tal-post tal-Kunsill kellu jkun Avviż Nru. TDF-17-08.

Il-25 ta' Jannar, 2008

FGURA LOCAL COUNCIL

With reference to the tender published in Government Gazette No. 18,176 of the 22nd January, 2008 on page 335, it is notified that in the Maltese version the number of the tender for cleaning of council premises should have read Avviż Nru. TDF-17-08.

25th January, 2008

KUNSILL LOKALI RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali Rabat (Malta) jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Frar, 2008 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RLC T0067/2008. Għamara tat-toroq għat-Tisbiħ ta' Pjazza San Pawl.

Għandu jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Rabat, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat, bi ħlas għal kull dokument, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Il-25 ta' Jannar, 2008

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 8th February, 2008, for:-

Advt. No. RLC T0067/2008. Street furniture for the embellishment of Pjazza San Pawl.

A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each tender document.

Tender documents can be obtained from the Rabat Local Council's Administrative Offices, 8, Triq l-Isptar, Rabat, at a fee for each document, from Monday to Friday, between 8.30 a.m. and noon.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous tender.

25th January, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

120

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar 2008, fl-atti tal-Mandat ta' Qbid 328/07, fl-ismijiet Godfrey Debattista vs Caroline Tierney Debattista, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 328/07, fl-ismijiet Godfrey Debattista vs Caroline Tierney Debattista, fl-20 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrenti Godfrey Debattista espona bir-rispett:

Illi permezz ta' Mandat ta' Qbid fl-ismijiet premessi nqabdet il-vettura tal-Marka Mercedes numru ta' reġistrazzjoni EEE-020.

Illi minkejja l-Mandat ta' Qbid, f'dawn l-aħħar jiem, l-esponenti ra lis-sieħeb ta' l-intimata isuq din il-vettura.

Illi l-esponenti għandu kull interess li ma ssir l-ebda ħsara lil din il-vettura li għandha valur li jeċċedi €34,940.60 (Lm15,000).

Għaldaqstant fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onor. Qorti jogħġobha tawtorizza l-elevazzjoni ta' l-imsemmija vettura u dan taħt is-soliti provvedimenti stipulati fil-liġi.

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 16th January 2008, in the records of the Warrant of Seizure 328/07, in the names Godfrey Debattista vs Caroline Tierney Debattista, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the records of the Warrant of Seizure number 328/07, in the names Godfrey Debattista vs Caroline Tierney Debattista, on the 20th December 2007, the applicant Godfrey Debattista, pleaded with respect:

That by means of a Warrant of Seizure in the names premised the vehicle of the type Mercedes registration number EEE-020 was seized.

That despite of the Warrant of Seizure, in these last days, the applicant saw the respondent's partner drive this vehicle.

That the applicant has every interest that no damage is made to the vehicle which has a value which exceeds €34,940.60 (Lm15,000).

Thus in the light of the above, the applicant prays with respect so that this Honourable Court authorize the removal of the said vehicle and this under the usual provisions stipulated by law.

Qorti Ċivili
(Sezzjoni Familja)

Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LL.D. Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur Law)

Fl-Att tal-Mandat ta' Qbid 328/07

Fl-ismijiet

Godfrey Debattista

Vs

Caroline Tierney Debattista.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors.

Tordna n-notifika lill-kontro-parti b'sitt (6) ijiem żmien għar-risposta.

Illum 20 ta' Diċembru 2007.

Anne Xuereb
Deputat Reġistratur.

Notifika: 1, Nautical Suites, Triq Salvu Camilleri, Mellieħa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Civil Court
(Family Section)

Hon. Madam Justice Abigail Lofaro, LL.D. Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur Law)

In the Records of the Warrant of Seizure 328/07

In the names

Godfrey Debattista

Vs

Caroline Tierney Debattista.

The Court,

Saw the Application.

Orders that the respondent be notified who is to file a reply within six (6) days.

Today 20th December 2007.

Anne Xuereb
Deputy Registrar.

Notify: 1, Nautical Suites, Salvu Camilleri Street, Mellieħa.

Registry of the Superior Courts, today 22nd January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

121

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet tal-4 ta' Diċembru, 2007, ordnat il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Jean Matthias Vella li jġib in-numru 4169 tas-sena 1992, fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" il-kliem "Jean Mattiase" jiġi mħassar u sostitwit bil-kliem "Jean Matthias".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, nhar it-Tlieta, l-4 ta' Diċembru, 2007.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S
Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 4th day of December 2007, ordered the correction of the Act of Birth of Jean Matthias Vella bearing number 4169 of the year 1992, in the sense that in the column entitled "Name of the Child" the words "Jean Mattiase" are to be cancelled and written instead "Jean Matthias".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Tuesday 4th December, 2007.

MARIO MIFSUD, B.A.,D.L.I.S.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

122

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Lulju 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 707/07, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Fekry Emara, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati lil Fekry Amara – 130 Flat 9, San Nikola, Valletta, fis-6 ta' Frar 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ġa Norwich Union International Insurance Limited u dina kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Mario Apap (230761M) filwaqt illi jagħmlu riferenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tal-10.35 a.m, ġewwa San Pawl il-Baħar, bejn il-vettura misjuqa minnek, bin-numru ta' reġistrazzjoni KAS 828 u l-vettura proprjetà tal-mittenti Mario Apap bin-numru ta' reġistrazzjoni JBB 692 jinterpellawk sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallas lill-mittenti Mario Apap is-somma €58.23 (Lm25.00) rappreżentanti excess payment …omissis… u €941.84 (Lm404.33) għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat ta' l-imsemmi inċident …omissis…

Il-mittenti jinformawk illi f'kaz illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek… omissis…

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Kopja ta' din l-ittra qiegħda tintbagħat ukoll lil Montaldo Insurance Services Limited …omissis… Din l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament għal skopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Mittenti: Britannia House, Melita Street, Valletta.

Intimat: 130, Flat 9, Triq San Nikola, Valletta.

Notifika: Montaldo Insurance Services Limited bħala aġenti tas-soċjetà estera American Home Assurance Co-98/2, Melita Street, Valletta VLT 12.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 31st July 2007, in the records of the judicial letter number 707/07, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Fekry Emara, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent,in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter, filed, in the Court of Magistrates to Fekry Amara- 130 Flat 9, Saint Nicholas Street, Valletta, on the 6th February 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) in the name and in representation of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited previously Norwich Union International Insurance Limited and the latter as subrogated in the rights of her insured Mario Apap (230761M) whilst referring to the car accident which occurred on the 15th April 2006, round about 10.35am in Saint Paul's Bay, between the vehicle driven by you with registration number KAS 828 and the vehicle property of the interpellant Mario Apap with registration number JBB 692,call upon you so that within three (3) days you pay the interpellant Mario Apap, the sum of €58.23 (Lm25.00) representing excess payment …omissis…, and €941.84 (Lm404.33) for all the payments made by it to her insured as a result of the said accident …omissis…

The interpellant inform you that in case the term given to you uselessly passes, they shall have no alternative but to proceed further against you ...omissis…

So much so that you may know how to regulate yourselves and to avoid useless expenses and procedures.

A copy of this letter is being made especially, but not limitedly, for the purposes of interruption of prescription and in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interests.

Interpellant: Britannia House, Melita Street, Valletta.

Respondent: 130, Flat 9, Saint Nicholas Street, Valletta.

Notify: Montaldo Insurance Services Limited as agents of the foreign company American Home Assuarance Co-98/2, Melita Street, Valletta VLT 12.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 22nd January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

123

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tas-17 ta' Jannar 2007, awtorizzat lis-soċjetà HSBC Bank Malta plc li tibqa' tirċevi l-pagamenti tas-segwenti debiti, u dan ai termini tat-tieni proviso ta' l-artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(i) €200.05 (Lm85.88) kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi dovuti fuq faċilità ta' self;
(ii) €495.78 (Lm212.84) kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi dovuti fuq faċilità ta' self;
(iii) €2,643.02 (Lm1,134.65) kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi dovuti fuq faċilità ta' self;
(iv) €297.30 (Lm127.63) kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi dovuti fuq faċilità ta' self;
(v) €22.13 (Lm9.50) kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi dovuti minħabba encroachment fuq kont miftuħ f'ismu;

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u b'riferenza għall-ordni ta' ffriżar ta' l-assi mogħtija mill-istess Onorabbli Qorti fit-22 ta' Ġunju 2007 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) kontra:

Jonathan Cassar ta' 22 sena iben Lewis u Josephine neé Mifsud, imwieled Pietà fit-8 ta' Lulju 1988 u residenti Flat 2A, Hilltop Court, Triq tas-Sliem, Marsascala, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 322684(M).

L-Ordni ta' l-iffriżar kienet ġiet debitament ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Lulju 2007.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 21 ta' Jannar 2008

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

It is hereby notified that by a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 17th January 2008, authorized HSBC Bank Malta plc to continue to receive payment in respect of the under mentioned debts and this in terms of the second proviso to Article 22A(1) of Chapter 101 of the Laws of Malta;

(i) €200.05 (Lm85.88) as well as the relative interest due to facilitate a loan;
(ii) €495.78 (Lm212.84) as well as the relative interest due to facilitate a loan;
(iii) €2,643.02 (Lm1,134.65) as well as the relative interest due to facilitate a loan;
(iv) €297.30 (Lm127.63) as well as the relative interest due to facilitate a loan;
(v) €22.13 (Lm9.50) as well as the relative interest due on an encroachment account in his name;

This notice is being published for all intents and purposes of the law and with reference to the freezing of assets order given by the same Honorable Court on the 22nd June 2007, in the proceedings in the names 'The Police (Inspector Dennis Theuma) versus:

Jonathan Cassar of 22 years son of Lewis and Josephine neé Mifsud, born in Pietà on the 8th July 1988 and residing at Flat 2A, Hilltop Court, Triq tas-Sliem, Marsascala, holder of Identity Card No. 322684(M).

The freezing of assets order was duly published in the Government Gazette of the 3rd July 2007.

Registry of the Criminal Courts of Jurisdiction (Malta), today 21st January 2008

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts and Tribunals (Malta)

124

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-18 ta' Jannar 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-18 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' Carmel Sant (219854M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Mejju, 2005 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

It is hereby notified that by a decree of the 18th January 2008 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th January, 2008 on the application of Carmel Sant (219854M), Thursday 13th March 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th May, 2005 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Il-fond numru 3, l-ewwel sular, bla isem, mibnijin fuq plots 281, 282, Main Street, Balzan, stmat li jiswa €111,809.92 (Lm48,000), u garaxx numru 3 level 01, sottostanti l-istess appartamenti, smat li jiswa €18,634.99 (Lm8,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' La Palma Imports Company Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-29 ta' Lulju, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The property numbered 3, on the first floor, built on plots 281, 282, Main Street, Balzan, valued at €111,809.92 Lm48,000, and the garage numbered 3 level 01, underlying the same apartments, valued at €18,634.99 (Lm8,000).

The said tenement is the property of La Palma Imports Company Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Ellul Vincenti on 29th July, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 18th January, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

125

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fil-15 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 19 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt:

Ħanut fil-pjan terran bl-isem 'Sweet Box Snack Bar' bin-numru 25 f'Sawmill Street, Msida, sottostanti propjetà ta' terzi, liberu u frank, stmat li jiswa €93,174.94 (Lm40,000).

L-imsemmi fond huwa propjetà ta' Marco (KI 360857M) u Miriam (KI 809056M) konjugi Chircop.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Renè Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Ottubru, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 15th November, 2007 on the application of Bank of Valletta Plc, Tuesday, 19th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property:

Shop on ground level named 'Sweet Box Snack Bar' numbered 25 in Sawmill Street, Msida, underlying third party property, free and unencumbered, valued at €93,174.94 (Lm40,000).

The said tenement is property of Marco (ID 360857M) and Miriam (ID 809056M) spouses Chircop.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Renè Buttigieg on 10th October 2003.

Registry of the Superior Courts, this 7th January, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

126

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi David Mamo (ID 48366M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 217/07 JA) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID tal-minuri Krystina Mamo, numru 472/2007 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas David Mamo (ID 48366M) filed an application under oath (No. 217/07 JA) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of the minor Krystina Mamo, number 472/2007 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by

tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 22 ta' Jannar 2008

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 22nd January 2008.

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

127

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fis-17 ta' Jannar 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn dan it-Tribunal fuq talba tas-soċjetà Kosecp (Distribution & Business Services) Ltd ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jidhru għas-soċjetà Arnold's Trading Ltd fl-atti tat-talba numru 874/07GMA fl-ismijiet "Is-soċjetà KOSECP (Distribution & Business Services) Ltd vs Is-soċjetà Arnold's Trading Ltd et" u fl-atti tal-kawża fuq imsemmija u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti fejn talbu:

Illi l-kuntratt illi permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta "Arnold's Trading Ltd" assenjat u ttrasferiet lis-soċjetà konvenuta l-oħra "RJC Caterers Ltd" il-kirja tal-fond magħruf bħala Arnold's Bottle Vault ta' Triq ta' l-Ibraġġ, Ta' l-Ibraġġ kif ukoll l-aċċessorji u l-istokk illi kien hemm fl-istess fond huwa null stante illi sar in malafede u b'intenzjoni illi jiġu leżi d-drittijiet tal-krediturі tas-soċjetà konvenuta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,583.04 (Lm679.60) somma dovuta għall-bejgħ u konsenja ta' xorb li sar mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà Arnold's Trading Ltd.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi.

Il-kawża (874/07GMA) tinsab differita għat-2 ta' April 2008 fin-12.30 p.m.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 17th January 2008, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the application of the company Kosecp (Distribution & Business Services) Ltd it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the company Arnold's Trading Ltd in the notice number 874/07GMA in the names The Company KOSECP (Distribution & Business Services) Ltd vs the company Arnold's Trading Ltd et and in the above mentioned notice and in all other relative and subsequent acts were they demanded:

That the contract by which the defendant company Arnold's Trading Ltd assigned and transferred to the other defendant company "RJC Caterers Ltd" the lease of the premises known as Arnold's Bottle Vault of Triq ta' l-Ibraġġ, ta' l-Ibraġġ and also the accessories and the stock that was in the same premises is null since it was made in bad faith and with the intention that the rights of the creditors be prejudice and condems the defendants so that in solidum they pay the plaintiff company the sum of €1,583.04 (Lm679.60) sum due for the sale and delivery of drinks that was made by the plaintiff company to Arnold's Trading Ltd.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 874/07GMA) is put off on the 2nd April 2008 at 12.30 p.m.

Attur: Ħandaq Cold Stores, Triq il-Professur Coleiro, Qasam Industrijali ta' Ħal Qormi, Ħal Qormi.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dr Greta Mifsud Agius, LL.D., Ġudikatur tat-Tribunal hawn fuq imsemmi.

Illum, 17 ta' Jannar 2008

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Plaintiff: Ħandaq Cold Stores, Triq il-Professur Coleiro, Qasam Industrijali ta' Ħal Qormi, Qormi.

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Tribunal for Small Claims with the witness of Dr Greta Mifsud Agius, LL.D., Doctor of Laws, Adjudicator of the above mentioned Tribunal.

Today, 17th January 2008.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 22nd January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

128

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Marouska Borg (ID 571983M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 489/07 JA) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID tal-minuri Jake Borg, numru 4043/2007 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 22 ta' Jannar 2008.

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Marouska Borg (ID 571983M) filed an application under oath (No. 489/07 JA) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of the minor Jake Borg, number 4043/2007 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 22nd January 2008.

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

129

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Maria Camilleri (ID 255190M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 502/07 JA) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID tal-minuri Mariah Wells, numru 2493/2005 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 22 ta' Jannar 2008

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Maria Camilleri (ID 255190M) filed an application under oath (No. 502/07 JA) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of the minor Mariah Wells, number 2493/2005 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 22nd January 2008.

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

130

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Ottubru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Msida Valley Road, Birkirkara, ippreżentaw Talba fis-27 ta' April 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Doreen Grixti ta' 60, Flat 4, Triq l-Isptar, Valletta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €315.54 (Lm135.54) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (356/07RFA) hija differita għall-1 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 5th October 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Msida Valley Road, Birkirkara, filed a Claim on the 27th April 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Doreen Grixti of 60, Flat 4, Triq l-Isptar, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €315.72 (Lm135.54) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 356/07RFA) is put off on the 1st February 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

131

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Novembru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 6622/06 fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Cheryl Gatt, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Cheryl Gatt - 4, Triq il-Ġiżmin, Swieqi, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, filwaqt illi tagħmel riferenza għal inċident awtomobilistiku illi seħħ fis-16 ta' Mejju 2005, għall-ħabta ta' 00.21 a.m., ġewwa Marsascala illi fih inti kont involuta waqt illi kont qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBP 829 u għall-fatt illi minkejja diversi interpellazzjonijiet lilek magħmula inti qed tirrifjuta illi tidher fil-proċeduri fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited et v Cheryl Gatt sabiex tagħti x-xhieda tiegħek …omissis…

F'każ illi inti tibqa' tonqos milli taderixxi ruħek, allura l-mittenti mhux talli mhix sejra tkopri d-danni reklamati minn terzi f'dan il-każ, talli sejra tipproċedi għar-rimbors ta' l-ammont minnha mħallsa lilek …omissis…

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Mittenti: Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Intimata; 4, Triq il-Ġiżmin, Swieqi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 14th November 2006, in the records of the judicial letter number 6622/06, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Cheryl Gatt, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Cheryl Gatt - 4, Ġiżmin Street, Swieqi, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the car accident which occurred on the 16th May 2005, round about 00.21 a.m. in Marsascala, in which you were involved whilst you were driving the vehicle with registration number BBP 829 and of the fact that despite various callings made, you are refuting to appear in the procedures in the names GasanMamo Insurance Limited et vs Cheryl Gatt in order to give your evidence …omissis…

In case you fail to comply, then the interpellants, shall not only not cover the damages claimed by third parties in the cause, but shall proceed for the reimbursement of the amount paid by them to you …omissis…

This judicial letter is being made for all intents and purposes of Law and especially Chapter 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselvcs.

With costs.

Interpellant; Britannia House, Old Bakery Street, Valletta.

Respondent: 4, Ġiżmin Street, Swieqi.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

132

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet ta' nhar l-4 ta' Diċembru, 2007, ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid ta' Salvino Xerri li jġib in-numru 4883 tas-sena 1948, fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom missier it-tarbija' l-kunjom 'Scerri' jiġi sostitwit b'dak ta' 'Xerri'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, nhar it-Tlieta l-4 ta' Diċembru, 2007.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 4th December 2007, ordered the correction of the Act of Birt of Salvino Scerri bearing number 4883 of the year 1948, in the sense that in the column entitled 'Name and Surname of the father of the child' the surname 'Scerri' is substituted with the Surname 'Xerri'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Tuesday 4th December, 2007.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

133

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-27 ta' Diċembru 2007, minn Caroline Terrell, Rikors Numru 806/2007, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha in kwantu għal-terz (1/3) indiviż; favur ulied Sonya Jane King (bint id-decujus) li huma Rory John King, David Robin King, Aaron Matthew David King u Summer Orchid King Brooks, fi kwota ta' terz (1/3) indiviż, fi kwoti ndaqs bejniethom u bl-użufrutt favur Sonya Jane King, fuq dan it-terz (1/3); favur ulied ir-rikorrenti Caroline Terrell (bint id-decujus), u ċioè favur Daniel Jon Terrell, Charlotte Elizabeth Terrell u Beth Alexandra Terrell in kwantu għal sest (1/6) indiviż fi kwoti ndaqs bejniethom, bl-użufrutt favur Jade Terri Parish; u favur ulied Sonya Jane King (bint id-decujus) li huma Rory John King, David Robin King, Aaron Matthew David King u Summer Orchid King Brooks, fi kwota ta' sest (1/6) indiviż fi kwoti ndaqs bejniethom u bl-użufrutt favur Jade Terri Parish fuq dan is-sest (1/6) indiviż, is-SUĊĊESSJONI ta' missierha John, magħruf ukoll bħala Johann Debono, bin il-mejtin Carmel Debono u Teresa Debono neè Pace, imwieled Sliema, kien joqgħod Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar u miet Pietà fl-4 ta' Ottubru, 2006, ta' 70 sena u li kellu karta ta' l-identità Nru 0623336(M) li miet b' testament in atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa, tat-23 ta' April 2004, liema testment fih werrieta li isimhom mhux indikat u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandhu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 23 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 27th December 2007, by Caroline Terrell, Application Number 806/2007, whereby she asked that it be declared open in her favour as to one-third (1/3) undivided share; in favour of the children of Sonya Jane King (daughter of the decujus) who are Rory John King, David Robin King, Aaron Matthew David King and Summer Orchid King Brooks, in the quota of one-third undivided portion (1/3) in equal shares between them and with the usufruct in favour of Sonya Jane King, on this one-third (1/3); in favour of the children of the applicant Caroline Terrell (daughter of the decujus) and that is in favour of Daniel Jon Terrell, Charlotte Elizabeth Terrell and Beth Alexandra Terell as to one- sixth (1/6) undivided portion in equal shares between them, with the usufruct in favour of Jade Terri Parish; and in favour of the children nof Sonya Jane King (daughter of the decujus) who are Rory John King, David Robin King, Aaron Matthew David King and Summer Orchid King Brooks, in the quota of one-sixth (1/6) undivided portion in equal shares between them, and with the usufruct in favour of Jade Terri Parish on this one-sixth (1/6) undivided share; the SUCCESSION of her father John, known also as Johann Debono, son of the late Carmel Debono and Teresa Debono nee' Pace, born in Sliema, lived in Bahar iċ-Ċaghaq, limits of Naxxar and died in Pieta' on the 4th October 2006, aged 70 and who had identity card number 0623336(M) and who died, testate, leaving a will in the records of Notary Dr. Clyde La Rosa, of the 23rd April 2004, which will includes heirs whose names are not indicated and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 23rd January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

134

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 11/07 GG, fl-ismijiet Franġisk sive Ċikku Fenech vs Emanuel Bugeja, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba', fl-ismijiet Franġisk sive Ċikku Fenech vs Emanuel Bugeja, fit-8 ta' Ottubru 2007, ir-rikorrenti Franġisk sive Ċikku Fenech (ID Numru 580739M), espona bir-rispett;

Illi huwa jikri lill-intimat Emanuel Bugeja, madwar tomnejn raba' b'kumpless rurali għall-għodda u ħwejjeġ oħra fuq l-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Blajjat' fil-kontrada ta' Binġemma sive Ta' Żebbieġħ limiti ta' l-Imġarr versu l-qbiela ta' tnax-il lira Maltin (Lm12) fis-sena pagabbli kull nhar ta' 15 ta' Awissu ta' kull sena, l-iskadenza li jmiss tagħlaq fil-15 ta' Awissu tas-sena 2008;

Illi huwa għandu bżonn l-istess raba' għall-użu tiegħu, huwa bidwi anzjan ta' tmienja u sittin sena, bidwi li ma jirċievi l-ebda pensjoni jew benefiċċju soċjali ieħor li jipprovdi l-Istat

…omissis...

Illi inoltre, f'dawn l-aħħar snin l-intimat ma sewwiex u ma żammx fi stat tajjeb il-kumpless rurali li jintuża biex tinżamm l-għodda u ħwejjeġ oħra tant li waqgħu s-soqfa;

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett, illi għar-raġunijiet premessi dan l-Onorabbli Bord, jogħġbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-imsemmi raba' ossia għalqa billi jogħġbu jordna l-iżgumbrament tal-intimat f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, filwaqt illi jillikwida, jekk ikun il-każ, kull kumpless dovut lill-intimat skond il-liġi.

Intimat: Emanuel Bugeja, St. Mary, Triq Ramiro Calì, Mġarr, Malta.

Ir-Rikors numru 11/07 GG, fl-ismijiet Fenech Frangisk sive Ċikku vs Bugeja Emanuel jinsab differit għat-18 ta' Frar 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Rural Leases Control Board, by means of a decree given on the 14th December 2007, in the records of the Application Number 11/07 GG, in the names Franġisk sive Ċikku Fenech vs Emanuel Bugeja, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Rural Leases Control Board, in the names Franġisk sive Ċikku Fenech vs Emanuel Bugeja, on the 8th October 2007, the applicant Franġisk sive Ċikku Fenech (ID Number 580739 M), pleaded with respect;

That he grants on lease to the respondent Emanuel Bugeja, circa two tumoli of land with a rural complex for tools and other things on the land known as 'Tal-Blajjat' in the area of Binġemma sive Ta' Żebbieġħ limits of Imġarr, towards the groundrent of twelve Maltese Liri (Lm12) per annum payable every 15th August of each year, the instalment due, lapses on the 15th August of the year 2008;

